# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 28

It-Tnejn, 14 ta' Novembru, 2016

Il-Kunsilli Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa" , Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjorina Leanne Grech (LG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Herman Schiavone (HS) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Is-Sinjorina Amanda Vella — Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 28.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

28.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji riċevuti.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

28.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tas-sebgħa u għoxrin (27) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

28.2.1.1. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JBD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'28.1.1. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

28.2.2. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għall-materja 27.2.5, li tirrigwarda ż-żona fi Triq il-Port Ħieles, in-naħa li tiġi wara l-lasta tal-grawnd il-ġdid, u irrimarka li ma kellux iktar informazzjoni x'jippreżenta.

28.2.2.1. Il-Kunsillier HS żied jgħid li fl-istess triq, saru il-*flower beds* iżda mhux qed issir iż-żamma u manutenzjoni tagħhom.

28.2.2.2. Is-Sindku qal li x-xogħol ma sarx sewwa f'ċertu partijiet, fejn ma ttieħdux livelli tajba.

28.2.2.3. Is-Sindku qal li fir-rigward taż-żamma imsemmija, l-proġett mhuwiex tal-Kunsill, u għaldaqstant ser tinġibed l-attenzjoni lill-entitajiet konċernati.

28.2.3. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għall-materja 27.2.7.1 li tirrigwarda l-leakage ta' żejt mill-Kumpanija Shell snin ilu, u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq il-passi possibbli, mill-avukat.

28.2.3.1. Is-Sindku qal li ma kienx hemm iktar avvanzi.

28.2.4. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għall-materja 27.3.2 li tirrigwarda t-tpoġġija tal-kontenituri għar-riċiklaġġ tal-ħwejjeġ. Huwa qal li din ħadmet tajjeb ferm, li qed tkun mimlija ta' spiss, u mhux tlaħħaq mad-domanda.

28.2.4.1. Is-Sindku qal li dan ġie innotat u l-fornitur intalab li jew ipoġġi oħra, jew inkella titbattal iktar frekwentement.

28.2.5. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għall-materja 27.16.3 li tirrigwarda lampa ġdida fi Triq id-Dar tal-Pultu. Huwa informa li din twaħħlet u ser tintbagħat l-applikazzjoni relevanti sabiex tiġi ikkonnettjata mas-sistema tad-dwal tat-toroq.

28.2.6. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għall-materja 27.17.4.1 li tirrigwarda programmi ta' manutenzjoni ta' sqaqien u staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

28.2.6.1. Huwa ġie infurmat li l-Kunsill għadda l-lista ta' toroq kif maqbul, u rċieva konferma li tali lista ġiet riċevuta.

28.2.7. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għall-materja 27.20.4.3 li tirrigwarda twaħħil ta' kamera tas-sigurtà mill-Aġenzija LESA f'Misraħ is-Summit, u staqsa jekk intbagħatx ir-rapport.

28.2.7.1. Il-Kunsillier SZ ġie infurmat li r-rapport intbagħat.

## 28.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

28.3.1. Is-Sindku informa biċ-ċirkulari 36 / 2016, riċevuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tirrigwarda templates tal-Aġenda u l-Minuti. Huwa informa li din ġiet attwata b'mod immedjat.

28.3.2. Is-Sindku informa biċ-ċirkulari 37 / 2016, riċevuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tirrigwarda il-funzjonijiet tal-Kunsilli lokali, u x'jiġri f'każ li l-Kunsill jonqos milli jwettaq xi funzjoni.

28.3.3. Is-Sindku informa biċ-ċirkulari 38 / 2016, riċevuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tirrigwarda l-finanzjament tal-attivitajiet mal-għaqdiet, u informa li l-Kunsill huwa diġà *in linea* maċ-ċirkulari.

28.3.4. Is-Sindku informa dwar il-proġett tal-Funtana fi Ġnien l-Indipendenza, permezz tal-fondi mill-UIF. Huwa informa li saret riċerka u flimkien mas-Segretarju marru raw funtani lesti li jistgħu jintużaw. Dokumentazzjoni ta' dawn ġiet preżentata fuq il-mejda tal-Kunsill. Huwa informa wkoll li saret diskussjoni mal-Perit fuq id-disinn propost oriġinarjament, u ġie ikkonfermat li b'dak id-disinn, ser ikun hemm diffikultà fil-manutenzjoni, kif ukoll telf konsiderevoli ta' ilma. Il-Perit qabel li għandhom jintużaw il-funtani mixtrija lesti. Is-Sindku informa li l-proġett kif modifikat huwa stmat li jiġi jiswa madwar kwart ta' dak oriġinali, u għaldaqstant ser tintbagħat it-talba sabiex tiġi immodifikata l-applikazzjoni relevanti tal-UIF.

28.3.5. Is-Sindku informa li saret laqgħa mal-ELC, fost l-oħrajn, kien hemm il-qbil li l-ELC jibdew jieħdu l-ilma tal-ġibjun li hemm fi Ġnien l-Indipendenza, biex b'hekk ikun użat u ma jinħeliex.

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

28.4.1. Il-Kunsilliera LG staqsiet lis-Sindku jekk hux ser issir manutenzjoni fil-parti ta' fuq nett ta' Triq il-Kartaġiniżi, bejn Triq Dun Ġorġ Żammit, u Triq tal-Papa, partikularment fiż-żona ta' fejn hemm il-garaxxijiet.

28.4.1.1. Is-Sindku informa li dik hija żona privata, u għaldaqstant ma jidħolx il-Kunsill u għaldaqstant talab lis-Segretarju sabiex iressaq talba lil-Awtorità konċernata.

28.4.2. Il-Kunsillier JBD staqsiet lis-Sindku dwar l-attività tal-Kunsill, Villaġġ tal-Milied, u staqsiet kemm huma l-fondi allokati għal din l-attività'.

28.4.2.1. Is-Sindku ikkonferma li din ser issir permezz ta' donazzjonijiet u dħul ieħor mill-permessi u kontribuzzjonijiet, u mhux mill-allokazzjoni diretta tal-Kunsill.

28.4.3. Il-Kunsillier JB tkellem dwar it-tilqima tal-influwenza, u staqsa lis-Sindku min kien il-membru tal-Kunsill li qal li Kunsillier JB huwa kiesaħ, u jaqla' l-inkwiet, messaġġ kif wasalu minn persuna li ġiet l-uffiċċju amministrattiv t'insinwa dan, u li kien qed jirreferi għas-Sindku. Huwa staqsa ukoll min biddel il-proċeduri ta' kif tiġi kumpilata l-lista ta' persuni sabiex jingħataw it-tilqima.

28.4.3.1. Is-Sindku informa li dan mhux minnu. Huwa qal li huwa ta struzzjonijiet biex dawk li ma nkitbux, jiġu wara l-5.00pm, u jekk ikun baqa', jingħataw it-tilqima. Huwa ikkonferma wkoll li ta struzzjonijiet biex dawk li ma setgħux jiġu l-Kunsill, jingħataw it-tilqima permezz ta' voluntier, ġewwa darhom.

28.4.3.2. Il-Kunsillier JB insista li persuni li ma jinkitbux, m'għandhomx jingħataw it-tilqima, għax inkella ma jservux għal dawk li inkitbu.Huwa fakkar li din is-sena, wara ħdax-il sena jieħu ħsieb it-tilqima, sab diffikultà biex issir tilqima fid-djar, minħabba li ma kienx konfermat kemm ser ikun hemm infermiera disponibbli, minħabba raġunijiet diversi. Għaldaqstant tali servizz ma ġiex offrut. Huwa irrimarka li proċeduri ma għandhomx jinbidlu fl-aħħar ħin ġaladarba bit-tibdil li sar, mhux kull resident ingħata l-istess opportunita', meta sistema għanda tkun uniformi għal kulħadd.

28.4.4. Il-Kunsillier SZ fakkar li fi Triq F.M. Ferretti, bejn Għar Dalam, u Triq Herakles, ma sarux dwal tat-triq. Saru diversi tentattivi sabiex dan isir permezz t' għajnuna mill-Gvern Ċentrali, però s'issa dan għadu ma sarx. Huwa fakkar li sabiex dan isir, hemm spiża ta' madwar €10,000. Għaldaqstant huwa talab lis-Sindku jekk jistax jintervjeni.

28.4.4.1. Is-Sindku informa li diġà ressaq din it-talba u huwa mistenni li x-xogħol isir fil-ġranet li ġejjin.

28.4.5. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk kienx hemm xi avvanz fl-kontinwazzjoni tal-proġett ta' immaniġġjar tat-traffiku fl-istess żona, fejn kien għad baqa' li jsir central strips, u tqattiegħ ta' blat, u affarijiet oħra.

28.4.5.1. Is-Sindku wieġeb li ser jiddiskuti dan il-proġett ma min hu konċernat.

28.4.6. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, kienx hemm, jew il-Kunsill semgħax dwar, xi kambjament f'xi drawwiet jew faċilitajiet, jew affarijiet oħra. Huwa qal li numru ta' persuni avviċinawh li mhumiex kuntenti.

28.4.6.1. Is-Sindku ikkonferma li l-Kunsill ma ġiex infurmat b'xi affarijiet bħal dawn.

28.4.7. Il-Kunsillier JB staqsa jekk saritx laqgħa mat-tmexxija tad-Day Centre sabiex tiġi diskussa t-tmexxija u l-kummenti tan-nies fuq l-istess ċentru, kif kien irrakkomanda hu fil-passat.

28.4.7.1. Is-Sindku informa li ċ-ċentru mhux funzjoni tal-Kunsill, u għaldaqstant mhux fil-kontroll tiegħu, madankollu, wieħed jista' jorganizza laqgħa mas-Segretarjat. Huwa talab lil-Kunsillier JB, li huwa l-Kunsillier responsabbli mill-Anzjani, sabiex jieħu ħsieb tali laqgħa madankollu l-Kunsillier JB irrimarka, li huwa ma jridx jattendi laqgħat mal-amministrazzjoni taċ-Ċentru. Is-Sindku għaldaqstant talab lill-Kunsillier JB sabiex jipprepara l-punti, u jgħaddihom lilu, sabiex ikun jista' jieħu ħsieb hu li jorganizza tali laqgħa.

28.4.8. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar is-sistema ta' memos interni, u qal li din hija tajba sabiex jitħaffu ċertu deċiżjonijiet operattivi. Madankollu huwa rrimarka li deċiżjonijiet għandhom preferibbilment jittieħdu waqt laqgħa formali, u għaldaqstant staqsa lis-Sindku jekk tistax tiġi irfinuta din is-sistema.

28.4.8.1. Is-Sindku qabel.

28.4.9. Il-Kunsillier JB staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill kienx infurmat li ta' Patrick Cellars ressqu l-*pots* tal-qsari li għamel il-Kunsill, sabiex ikun jista' jipparkja fuq il-bankina, u jekk il-Kunsill ħax xi tip ta' azzjoni.

28.4.9.1. Is-Sindku informa li huwa innota li sar dan ix-xogħol mingħajr l-ebda awtorizzazzjoni, u talab lil Pulizija sabiex tħarrek lil min ħa l-liġi b'idejh.

## 28.5 Rapporti

28.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-Rapport Finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena, liema rapport ġie iċċirkolat minn qabel ma l-avviż tal-laqgħa, u għalhekk ġie ikkunsidrat bħala moqri. (Anness Dok A-1)

28.5.1.1. Il-Kunsillier HS ressaq mozzjoni, issekondata mill- Kunsilliera LG, favur l-approvazzjoni tar-rapport, bir-riżultat ikun favur unanimament.

28.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport imħejji dwar il-kwotazzjonijiet tal-kameras tas-sigurtà'.

28.5.2.1. Il-Kunsill innota li AllSec issottometta l-irħas kwotazzjoni konformi mar-rekwiżiti kollha mitluba

28.5.2.2. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni sabiex tintgħażel l-offerta ta' AllSec, issekondata mis-Sindku JC, bir-riżultat ikun favur unanimament.

28.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord tal-Għażla ma kkonkludiex ir-rapport dwar l-evalwazzjoni tal-kwotazzjoni tas-Servizz tat-Trasport, minħabba li ser tintbagħat kjarifika lil dawk interessati.

## 28.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

28.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 28.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

28.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 10/16 li ġiet iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK B)

28.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u issekondata mill-Kunsillier HS, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 28.8 Mozzjonijiet;

Is-Sindku ppreżenta l-mozzjonijiet riċevuti sad-data tal-għeluq, skont Kapitlu 363. Skeda 6 (Ordnijiet Permanenti), Artikolu 7

28.8.1. Mozzjoni 28/1 (Anness Dok C-1)

Il-Kunsillier SZ ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

**Informazzjoni lir-Residenti dwar Pjan ta' Emerġenza relatat mal-operazzjoni tal-installazzjoni tal-Power Station tal-Gass**

Peress illi l-ġimgħa li għaddiet ġie ppubblikat ir-rapport External Emergency Plan magħmul mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili;

Peress illi dan ir-rapport jitratta l-Power Station tal-Gass stazzjonata f'Delimara kif ukoll it-tanker li jaħżen gass f'forma likwida fil-bajja ta' Marsaxlokk;

Peress illi dan ir-rapport għandu jitkellem dwar pjan ta' emerġenza u proċeduri ta' sigurtà li għandhom jiġu implimentati mir-residenti f'każijiet ta' emerġenza;

Peress illi fl-imsemmi rapport ġie maqtugħ il-pjan ta' emerġenza b'mod li ħadd ma jaf x'għandu jsir f'każ ta' emerġenza, speċjalment fejn tidħol evakwazzjoni ta' residenti;

Peress illi l-materjal li ser jiġi mqassam lil pubbliku ma jserraħx moħħ ir-residenti dwar is-sigurtà tagħhom;

Peress illi l-Kunsill Lokali Birżebbuġa jemmen li huwa dritt ta' kull resident li jkun infurmat b'mod sħiħ, adekwat u kontinwu (on-going) bil-possibiltajiet ta' riskji, kif dawn għandhom u jistgħu jiġu mmitigati u x'inhuma l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'każ ta' emerġenza.

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Birżebbuġa jinsisti li l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi tippubblika minnufih ir-rapport External Emergency Plan fl-intier tiegħu, inkluż il-Pjan Operazzjonali ta' Emerġenza u l-proċeduri kollha li għandhom jiġu segwiti mill-popolazzjoni effetwata f'każ ta' emerġenza.

Il-Kunsillier HS issekonda l-mozzjoni. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

| | |
|---|---|
| Favur | 2 (SZ, HS) |
| Kontra | 4 (JC, JBD, LG, JB) |
| Astensjonijiet | 0 |

28.8.2. Mozzjoni 28/2 (Anness Dok C-2)

Il-Kunsilliera LG ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

**Spazji ta' Parkeġġ**

Hekk kif kien imsemmi fil-baġit "Ġid Li Jasal Għand Kulħadd 2017" li kien ippreżentat nhar it-Tnejn 17 ta' Ottubru 2016 mill-Ministru tal-Finanzi l-Onor. Prof. Edward Scicluna hemm imsemmi f'paġna 85 fid-dokument tad-diskors tal-baġit u nikkwota;

> **"Fis-sena li ġejja l-Awtorità tal-Ippjanar mistennija toħroġ proposti dwar kif tista' tinċentiva l-iżvilupp ta' parkeġġi pubbliċi ġodda li jinkludu spazji miftuħa"**

Il-problema ta' parkeġġ hija tassew innutata fiż-żona ta' ħdejn il-baħar fil-jiem kollha ta' matul is-Sajf, u mal-bqija ta' Birżebbuġa (anka f'żoni lejn tal-Papa) fil-jiem ta' tmiem il-ġimgħa jew festi pubbliċi.

Qed nantiċipaw li mal-ftuħ tal-pixxina għall-pubbliku, il-problema tkompli tikber hekk kif dan is-sit ser ikun attrazzjoni għall-ħafna aktar nies lejn Birżebbuġa.

Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa għandu jieħu din l-opportunità sabiex jissuġġerixxi minn tal-inqas sit fejn jista' isir spazju għall-parkeġġ bi studji ta' kif se jolqot liċ-ċittadini ta' Birżebbuġa.

**Il-Kunsilliera JBD issekondat l-mozzjoni.**

28.8.2.1. Il-Kunsilliera LG irrimarkat li dan is-suġġeriment għandu jkun b'żieda mal-proġett tal-Parkeġġ ta' Wied il-Buni.

28.8.2.2. Il-Kunsill SZ, qal li finanzjarjament, il-Kunsill mhux ser ikun fi stat li jħallas għal parkeġġ ta Wied il-Buni bl-allokazzjoni, u għaldaqstant dan jista' jsir biss permezz tal-Gvern Ċentrali, jew b'xi b'fondi oħra.

28.8.2.3. Il-Kunsillier HS irrimarka li bħala miżura temporanja jiddiskuti l-użu tal-bitħa tal-Enemalta li tinsab fil-Qajjenza, mas-CEO tal-organizzazzjoni.

Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

| | |
|---|---|
| Favur | 6 (LG, JBD, JC, JB, HS, SZ) |
| Kontra | 0 |
| Astensjonijiet | 0 |

## 28.9 Siġġu Vakanti ta' Kunsillier

28.9.1. Is-Sindku informa li l-proċess tan-nomina għadu ma ġiex magħluq u għaldaqstant talab li dan jitpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 28.10 Applikazzjonijiet tal-Ippjanar

28.10.1. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq l-applikazzjoni tal-iżvilupp, PA/06472/16, li tirrigwarda sanzjonar ta' żvilupp illegali, li jinkludi tinda u għeluq bi ħġieġ tal-ħwienet Corner Chef u Country Style, f'Wesgħa Carmelo Caruana.

28.10.1.1. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni favur l-oġġezzjoni għal tali sanzjonar, issekondata mill-Kunsillier SZ, bir-riżultat ikun:

| | |
|---|---|
| Favur | 5 (JB, SZ, JC, LG, JBD) |
| Kontra | 1 (HS) |
| Astensjonijiet | 0 |

28.10.2. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq l-applikazzjoni tal-iżvilupp PA 06206/16, li tirrigwarda sanzjonar ta' żvilupp f'razzett fi Triq il-Gandoffla.

28.10.2.1. Il-Kunsill qabel unanimament li ma hemmx lok ta oġġezzjoni għal tali Sanzjonar.

28.10.3. Il-Kunsillier JB ġibed l-attenzjoni fuq applikazzjoni PA/02977/16 li tirrigwarda Pompa tal-Petrol fi Triq Hal far.

28.10.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tinġab iktar informazzjoni fuq din l-applikazzjoni u tiġi iċċirkolata permezz ta korrispondenza interna u sussegwentement, il-Kunsill jikkunsidra l-passi relevanti.

28.10.4. Il-Kunsill innota wkoll l-applikazzjoni bin-numru PA/6297/16, li tinkludi sanzjonar ta numru ta llegalitajiet mil-lukanda Water's Edge, liema ċint ma kienx inkluż fid-disinn oriġinali li l-applikant kien ressaq għan-*no objection* tal-Kunsill fil-passat. Il-Kunsill innota li ladarba il-maġġoranza tal-Kunsilliera oġġezzjonaw għal tali sanzjonar, il-Kunsill daħħal tali oġġezzjoni.

28.10.4.1. Il-Kunsill innota wkoll li ma t'għamilx sens li l-ewwel, applikant jibni li jfettillu, bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-permess, u mbagħad meta jfettillu, japplika biex jissanzjona tali żvilupp.

## 28.11 Talbiet għal danni sofferti

28.11.1. Is-Sindku ressaq talba għal danni, riċevuta mingħand is-Sur Francalanza, fejn allega li ċappas il-qalziet biż-żebgħa meta poġġa fuq bank fil-Bajja s-Sabiħa.

28.11.1.1. Is-Sindku informa li dakinhar tal-inċident, huwa innota vandaliżmu fuq bank partikolari, u għalhekk talab lil ħaddiem sabiex jiżbgħu. Huwa rrimarka, li sakemm waħħal it-tabella tal-*wet paint,* persuna poġġiet bilqegħda u ċappset il-qalziet. Is-Sindku ressaq mozzjoni sabiex is-Sur Francalanza jingħata parti mill-ħlas tal-qalziet, sa massimu ta' €15, issekondata mill-Kunsilliera JBD, bir-riżultat ikun:

| | |
|---|---|
| Favur | 5 (JC, JBD, LG, SZ, HS) |
| Kontra | 1 (JB) |
| Astensjonijiet | 0 |

## 28.12 Tmiem tal-lagħa u data tas-seduta li jmiss.

28.12.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.20 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tnejn 12 ta' Diċembru 2016 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 12 ta' Diċembru 2016.

| | |
|---|---|
| [IFFIRMAT] | [IFFIRMAT] |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |